

**Brussell, 5 ta' Novembru 2024
(OR. en)**

15152/24

**FIN 956
COMPET 1069
IND 501
ENER 528
CLIMA 389**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14481/24	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 11/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Il-politika industrijali tal-UE dwar l-idroġenu rinnovabbli – Il-qafas legali ġie fil-biċċa l-kbira adottat – wasal iż-żmien li ssir verifika tar-realtà" (adottat fil-5 ta' Novembru 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 11/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il-politika industrijali tal-UE dwar l-idroġenu rinnovabbli – Il-qafas legali ġie fil-biċċa l-kbira adottat – wasal iż-żmien li ssir verifika tar-realtà" adottati mill-Kunsill fl-4055 laqgħa tiegħu li saret fil-5 ta' Novembru 2024.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 11/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

"Il- politika industrijali tal- UE dwar l- idroġenu rinnovabbli –

Il- qafas legali ġie fil- biċċa l- kbira adottat – wasal iż- żmien li ssir verifika tar- realtà"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA l-impenn tal-Unjoni Ewropea li ssir newtrali għall-klima sal-2050 u
FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-produzzjoni u l-użu tal-idroġenu rinnovabbli huma passi
importanti għad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji tal-Unjoni u għat-tnaqqis tad-dipendenzi,

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 11/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il- politika industrijali tal- UE dwar l- idroġenu rinnovabbli – Il- qafas legali ġie fil- biċċa l- kbira adottat – wasal iż- żmien li ssir verifika tar- realtà";
2. JIEĦU NOTA tal-enfasi tar-Rapport Speċjali fuq il-valutazzjoni ta' kemm kienet effettiva l-Kummissjoni fil-ħolqien tal-kundizzjonijiet it-tajba għas-swieq emerġenti tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, fid-dawl tal-implikazzjonijiet sinifikanti ta' din it-tranżizzjoni għall-futur tal-industriji ewlenin tal-UE, ta' jekk l-UE adottatx l-atti legali meħtieġa biex tappoġġa s-suq emerġenti tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju b'mod effettiv u f'waqtu, u ta' jekk il-Kummissjoni kkoordinatx b'mod xieraq il-ħolqien tas-suq bejn is-servizzi tagħha stess, mal-Istati Membri u mal-industrija; JINNOTA li r-Rapport Speċjali jevalwa wkoll il-programmi ta' finanzjament tal-UE biex il-katina tal-valur tal-idroġenu tkun tista' tiżviluppa f'xenarju li qed jevolvi malajr;

3. JISSOTTOLINJA li r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri huwa bbażat fuq valutazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' komunikazzjonijiet u miżuri politiċi inkluż, b'mod partikolari, l-Istrateġija tal-UE għall-Idroġenu¹, il-Pjan REPowerEU², id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED III)³, ir-Regolament dwar ReFuelEU Aviation⁴, ir-Regolament dwar FuelEU Maritime⁵, l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti⁶ u l-Pakkett dwar il-Gass⁷;
4. IFAKKAR li l-Kunsill u l-Parlament Ewropew adottaw atti leġislattivi importanti, b'mod partikolari l-Pakkett dwar il-Gass u l-Idroġenu u l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, sabiex jappoġġaw l-oġettivi tal-UE dwar l-enerġija u l-klima u jsaħħu l-kompetittività tal-industrija strateġika b'emissjonijiet żero netti tal-UE, u li daww l-atti leġislattivi ser jikkontribwixxu wkoll għall-ħolqien tal-ekosistema Ewropea tal-idroġenu; JINNOTA l-ħtieġa li jiġi implimentat il-qafas legali eżistenti b'mod partikolari bl-obbligu skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar il-Gass;

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Strateġija għall-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima" (id-dokument 9390/20).

² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-Pjan REPowerEU" (id-dokument 9787/22).

³ Id-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2023/2405 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar l-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli (ReFuelEU Aviation).

⁵ Ir-Regolament (UE) 2023/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724.

⁷ Id-Direttiva (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gass rinnovabbli, il-gass naturali u l-idroġenu, li temenda d-Direttiva (UE) 2023/1791 u li tħassar id-Direttiva 2009/73/KE (riformulazzjoni), u r-Regolament (UE) 2024/1789 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar is-swieq interni tal-gass rinnovabbli, tal-gass naturali u tal-idroġenu, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011, (UE) 2017/1938, (UE) 2019/942 u (UE) 2022/869 u d-Deċiżjoni (UE) 2017/684 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 (riformulazzjoni).

5. JIEĦU NOTA tal-osservazzjonijiet, il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali, jiġifieri li tinstab it-triq strateġika 'l quddiem lejn id-dekarbonizzazzjoni u l-iżvilupp ta' katina tal-valur tal-idroġenu lejn l-2030 u lil hinn bil-ħsieb li tiġi ppreservata u msaħħa s-sitwazzjoni kompetittiva tal-industriji ewlenin tal-UE, li jinkiseb rappurtar affidabbli dwar id-data ta' finanzjament nazzjonali skont ir-Regolament dwar il-Governanza⁸, li tiġi vvalutata l-adekwatezza tal-arranġamenti ta' finanzjament tal-UE għall-industriji, li jiġu mmonitorjati l-proċessi tal-permessi fl-Istati Membri fir-rigward tal-iskadenzi tat-traspożizzjoni, u li jittieħdu azzjonijiet ta' appoġġ u kkoordinati mal-industrija tal-idroġenu u għaliha;
6. JISSOTTOLINJA l-importanza li jitqiesu aħjar il-pjanijiet nazzjonali tal-Istati Membri għall-enerġija u l-klima meta jitqiesu l-miri ta' aspirazzjoni fil-livell tal-UE għall-produzzjoni u l-importazzjoni tal-idroġenu;
7. JENFASIZZA li, flimkien mal-kapaċità ta' produzzjoni għall-idroġenu, issupplimentata bl-importazzjonijiet, għandu jiġi żviluppat ukoll in-network interkonness Ewropew meħtieġ biex jiġu ffaċilitati t-trasport u l-ħżin transfruntieri tal-idroġenu biex jiġu kkollegati l-produtturi u x-xerrejja, u li għandu jitqies l-ippjanar xieraq tal-infrastruttura;
8. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tqis ir-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali Nru 11/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u biex tagħti segwitu għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet b'azzjonijiet koerenti, filwaqt li tiżgura l-bilanċ it-tajjeb bejn il-vantaġġ kompetittiv tal-industrija Ewropea u s-sigurtà tal-investituri.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.